32006D0569

L 231/139 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 24.8.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' April 2006

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar emendi għall-Appendiċi VI tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra

(2006/569/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/269/KE tat-28 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Billi:

(1) In vista tal-konklużjonijiet tat-tieni laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed u ta' l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Ispirti u x-Xorb Aromatizzat tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċili tat-13-14 ta' Ġunju 2005, li t-tnejn li huma saru f'Madrid, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Appendiċi VI tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, sabiex jippermettu l-użu ta' ċerti trejdmarks Ċiliani li jikkonċidu ma' l-indikazzjonijiet ġeografiċi li għandhom jintużaw fis-suq Ċilian intern fi kwantitajiet limitati sal-31 ta' Jannar 2014, b'effett mill-24 ta' April 2006.

(2) Il-Komunità u r-Repubblika taċ-Ċili għalhekk innegozjaw, skond l-Artikolu 29(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed, ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri biex jemenda l-Appendiċi VI.

(3) Dan l-iskambju ta' ittri għalhekk għandu jkun approvat.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni ta' l-Inbejjed,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili li jemenda l-Appendiċi VI tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissarju ta' l-Agrikoltura u ta' l-Iżvilupp Rurali huwa b'hekk awtorizzat li jiffirma l-iskambju ta' ittri sabiex tintrabat il-Komunità.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' April 2006.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 84, tat-2.4.2005, p. 19.